StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI**
**TAL−*JUNIOR LYCEUM* u L−ISKOLA SEKONDARJA 2010**
Direttorat għal Kwalita' u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL−ĦAMES SENA STORJA (Ġenerali) ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**1. Ikteb veru jew falz biex turi tagħrif kronoloġiku.**

| | | Veru/Falz |
|---|---|---|
| 1.1 | Ħaġar Qim inbena qabel il-Kolossew. | |
| 1.2 | Fil-Mellieħa għexu nies qabel Skorba. | |
| 1.3 | Il-preistorja tibda bi Żmien il-Bronż. | |
| 1.4 | Il-Ġgantija nbniet wara l-Akripoli ta' Ateni. | |
| 1.5 | Żmien it-Tempji jiġi qabel Żmien il-Bronż. | |
| 1.6 | In-nies li bnew it-Tempju ta' Ħal Tarxien għexu qabel in-nies li bnew il-Piramidi. | |
| 1.7 | Il-ħajt difensiv ta' Borġ in-Nadur inbena qabel l-Ipoġew. | |
| 1.8 | Ir-raddi (*cart ruts*) tħaffru qabel inbniet il-Ġgantija. | |

**(Total 8 marki)**

**2. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

2.1. Fejn ikun mibni ġeneralment ir-razzett?

______________________________________________(1)

2.2. Ta' liema oriġini hu maħsub li hu bini bħal dan?

______________________________________________(1)

2.3. Għaliex bini ta' dan it-tip hu ideali għall-klima Maltija?

______________________________________________(1)

2.4.1 Semmi tliet taqsimiet ta' razzett tipiku Malti.

______________________________________________(3)

2.4. 2. Ikteb sentenza fuq kull taqsima li semmejt.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(3)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2.5. X'qiegħed isir minn dawn l-irziezet illum li qiegħed jgħin ħafna l-ekonomija ta' Malta?

______________________________________________ (1)

2.6. Ir-razzett ġeneralment ikollu tlieta minn dawn il-karatteristiċi. Agħżilhom billi tagħmel sing taħthom:

Ċangaturi tal-qawwi, taraġ tal-irħam, ħġieġ ikkulurit, gallarija tal-injam, ħnejjiet, ħitan bil-ġebel tas-sejjieħ. (3)

2.7. Semmi żewġ raġunijiet għaliex kienu jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ.

______________________________________________

______________________________________________ (2)

2.8. X'użu kellha għall-bidwi l-girna?

______________________________________________ (1)

**(Total 16- il marka)**

**3. Aqra dan is-sors u wara wieġeb id-domandi kollha.**

"Fis-26 ta' Mejju 1797, Napuljun kiteb lill-Gvern Franċiż fejn stqarr li Malta kienet ta' importanza kbira għal Franza u ssuġerixxa li l-flotta Franċiża jew Spanjola tieħu lil din il-gżira. F'ittra oħra Napuljun stqarr li jekk il-Franċiżi jkollhom f'idejhom il-gżejjer ta' San Pierre, Korfu' u Malta, huma jkunu jistgħu jikkontrollaw il-Mediterran."

(Adattata minn W. Hardman, *History of Malta during the British and French occupations, 1798-1815)*

3.1. Fiż-żmien li Napuljun kiteb l-ittri msemmija, min kien qiegħed imexxi l-Gżejjer Maltin?

______________________________________________ (1)

3.2. X'kien il-ħsieb ta' Napuljun dwar Malta fl-ewwel ittra tiegħu? Għaliex ried jagħmel hekk?

______________________________________________ (2)

3.3. Minn din il-kitba ta' Napuljun, x'konklużjoni tiġbed dwar il-valur ta' Malta?

______________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3.4. Min kienu l-ħakkiema barranin li bdew imexxu l-Gżejjer Maltin fl-1800?

_______________________________________________________________________________

3.5. X'użu għamlu dawn il-ħakkiema mill-Gżejjer Maltin tul iż-żmien?

_____________________________________________________________________________ (1)

3.6. Semmi avveniment importanti fis-seklu 19 u ieħor fis-seklu 20 li matulu l-Gżejjer Maltin kienu ta' għajnuna kbira għal dawn il-ħakkiema.

_____________________________________________________________________________ (2)

3.7. Kif inbidel ir-rwol ta' Malta wara l-1979?

_____________________________________________________________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

**4. Dak li jagħmilna Maltin**

| |
|---|
| Tliet elementi li jsawru poplu u jagħtuh identità huma: il-lingwa li biha jitkellem, il-valuri li jħaddan, id-drawwiet li trawwem fihom matul is-snin. |

4.1. Semmi **żewġ** fatturi li jagħmlu poplu differenti minn poplu ieħor.

_____________________________________________________________________________ (2)

4.2. Liema huma t-**tliet** elementi li jiffurmaw l-ilsien Malti?

________________________ ________________________ ________________________ (3)

4.3. Għaliex il-parti l-kbira tal-Maltin iħaddnu għadhom iħaddnu valuri nsara?

_____________________________________________________________________________ (2)

4.4. Agħżel simbolu nazzjonali u ikteb żewġ sentenzi biex tispjega l-importanza tiegħu.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________ (3)

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



5.1. Xi tfisser il-kelma 'ipoġew'?

______________________________________________ (1)

5.2. Fil-limiti ta' liema raħal jinsab dan l-ipoġew li hawn fir-ritratt?

______________________________________________ (1)

5.3. Kemm fih saffi jew sulari dan l-ipoġew?

______________________________________________ (1)

5.4. Żewġ kmamar importanti kienu l-Oraklu u s-*Sancta Sanctorum*. Ikteb sentenza fuq kull waħda minn dawn.

______________________________________________

______________________________________________(2)

5.5. Semmi fdal li jinsab f'dan l-ipoġew.

______________________________________________ (1)

5.6. Illum l-ipoġew ma jistgħux iżuruh iktar minn grupp żgħir fl-istess ħin. Għaliex taħseb li ddaħħlet din il-miżura?

______________________________________________

______________________________________________(2)

**(Total 8 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



6.1. Fejn jinsab it-tempju muri f'din l-istampa?

______________________________________________________________________ (1)

6.2. X'jissejħu n-nies li jagħmlu skavi f'tempji bħal dawn?

______________________________________________________________________ (1)

6.3. Fil-Gżejjer Maltin instabu aktar minn 25 bħal dan it-tempju. Semmi żewġ konklużjonijiet li nagħmlu minn dan il-fatt.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

6.4. Semmi żewġ metodi li bihom dawn in-nies kienu jżejnu t-tempji tagħhom.

______________________________________________________________________ (2)

6.5. Semmi tliet elementi naturali li jistgħu jagħmlu ħsara lil tempji megalitiċi bħal dawn.

______________________________________________________________________ (3)

6.6. F'dak iż-żmien il-bniedem kien joqgħod f'għerien jew għerejjex. Fejn instabu fdalijiet ta' għerejjex preistoriċi f'Malta?

______________________________________________________________________ (1)

6.7. X'nifhmu meta ngħidu r-'rivoluzzjoni neolitika'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

6.8. Għaliex taħseb li n-nies ta' żmien Borġ in-Nadur bnew ħitan kbar madwar fejn kienu joqogħdu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

6.9. Semmi żewġ modi ta' kif nistgħu nieħdu ħsieb il-wirt li ħallewlna dawn in-nies.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________(2)

**(Total 16-il marka)**

**7. Kompli din it-tabella dwar iċ-ċivilitajiet antiki ta' madwar il-Mediterran.**

| | Fdal storiku | Isem | Ċiviltà | X'użu kellu f'dak iż-żmien |
|---|---|---|---|---|
| 7.1 |  | (1) | (1) | (1) |
| 7.2 |  | (1) | (1) | (1) |
| 7.3 |  | (1) | (1) | (1) |
| 7.4 |  | (1) | (1) | (1) |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(Total 12**

**8. Ikteb fit-tul fuq wieħed minn dawn is-suġġetti:**

8.1. Ma' liema diffikultajiet kellu jħabbat wiċċu l-bniedem fil-preistorja? Agħti tagħrif fuq kif setgħet kienet il-ħajja f'dak iż-żmien.

8.2. Il-barranin dejjem influwenzaw b'xi mod jew ieħor il-ħajja Maltija u d-drawwiet tal-Maltin. Iddiskuti.

8.3. Malta dejjem kienet gżira b'qagħda strateġika importanti fil-Mediterran.
(i) X'inhu s-sehem li tat Malta lill-qawwiet il-kbar matul iż-żminijiet? (12)
(ii) Kif tbiddel dan ir-rwol meta mqabbel mal-imgħoddi? (8)

**(Total 20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers